XEWKIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**Laqgħa Nru.** ***47/2016***

Data: It-Tlieta, 26 t'April 2016

Hin: 4.40 pm

Post: Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti: Sur *Paul Azzopardi – Sindku*
*Sur Domenic Zerafa – Viċi Sindku*
*Sra Jeanelle Attard – Kunsilliera*
*Sna Odette Camilleri – Agent Segretarju Ezekuttiv*

Skużati: *Sur George Zammit – Kunsillier*
*Sur Hubert Saliba - Kunsillier*

Assenti: n/a

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Kummunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2015*;
6. Offerti u Kwotazzjonijiet;
7. Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti;
8. Harġa għal Malta
9. Ġemellaġġ
10. Festa San Gwann Battista
11. Materji oħra
12. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
13. Aġġornament.

# Minuti – *47/2016*

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa 46/2016 ġew approvati u ffirmati fil-preżenza tal-membri.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi bgħatet lil Skyline rigward il-*live cameras* għal fejn il-latrini tal-Pjazza baqgħet bla risposta. Għal dan il-għan is-Sindku propona li jingħabru kwotazzjonijiet għal CCTV *cameras* biex teħel waħda mad-dawra tal-*lift* u oħra għal kull min hu tiela' u nieżel it-taraġ. *CCTV cameras fejn il-latrina tal-Pjazza*

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Kunsill applika għal proposti ta' proġett taħt ERDF *Priority Axis 4* u 5- Ċentru tal-Viżitaturi għall-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini u Stallazzjoni ta' sors nadif t'enerġija elettrika għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini. *ERDF Priority Axis 4 u 5*

3.2 Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-Perit Joseph Stellini qed jipprepara l-*Bill of Quantities* sabiex tkun tista' toħroġ l-offerta għal kisi tal-bqija ta' Triq Santa Eliżabetta. Is-Sindku talab sabiex jiġi ivverifikat jekk jistgħux jintużaw fondi mill-*urban improvements funds* għal kisi ta' din it-triq. *Triq Santa Eliżabetta*

3.3 Il-membri qablu sabiex tiġi mdawla b'dawl blu u vjola tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali u tal-Każin tal-Futbol għal International Awareness Day. *International Awareness Day*

## 4. Korrispondenza

4.1 Memo 11/2016 – Servizzi tal-għaqdiet mużikali tal-lokal. Sabiex meta Kunsill ikollu bżonn servizz ta' banda f'xi attivita' iqabbad il-banda tal-lokal. *Memo 11/2016*

4.2 Emejl minngħand il-Kumitat Zgħzagħ Brijużi Xewkin sabiex il-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu għal proġett. Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Perit u jingiebu l-permessi ta' Transport Malta. Is-Sur Zerafa qal li aktarx hemm xi *main* ta' l-ilma għaddej taħt l-art minn fejn ser isir il-proġett. *Kumitat Zgħazagħ Brijużi Xewkin*

4.3 Emejl minngħand is-Segretarju Ġenerali tal-Każin tal-Banda tax-Xewkija fejn talbu lil Kunsill sabiex jagħmel *gutter* quddiem il-Każin fi Triq Santa Katerina qabel ma ssir il-kisja tat-triq. Is-Sindku qal li impossibli li dan il-*gutter* isir mill-Kunsill minħabba restrizzjoni ta' finanzi u propona li għandu jiġi ċċekjat mal-Perit tal-Gvern jekk it-triq hux ser tinqala'. *Każin tal-Banda Xewkija*

4.4 Emejl minn għand bejjiegħa tal-monti fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex darba fix-xahar jibda' jintrama suq fil-beraħ. Is-Sna Attard proponiet li dan il-monti jsir fi Triq Widnet il-Baħar s-Sibt fil-għodu jew wara nofsinhar. Is-Sindku propona li għandhom isiru kundizzjonijiet mal-bejjiegħa u jiġi vverifikat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk il-Kunsill jistax jagħti permess għal dan. *Bejjiegħa tal-Monti*

4.5 Ittra minngħand id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fejn il-Kunsill ġie notifikat sabiex jaqla tlett siġriet tal-palm infettati fi Ġnien il-Ħaddiem. Il-membri qablu li jitqabbad kuntrattur privat sabiex jieħu ħsieb li dawn jinqalgħu. *Siġar tal-Palm*

4.6 Emejl minngħand l-Assistent Direttur Pio Farrugia fejn informa lil Kunsill li ser jgħaddi l-ammont ta' €87,705.28 fil-kont bankarju tal-Kunsill li hu l-bilanċ li kien għad fadal jgħaddi d-Dipartiment lil Kunsill fuq il-ħames toroq tal-PPP. *Toroq tal-PPP*

4.7 Wasal il-permess minn Transport Malta għat-talba li għamel il-Kunsill sabiex jinżebgħu żewġ parkeġġi riservati għal persuni b'diżabilita'. *Parkeġġi riservati*

4.8 Giochi Senza Frontieri – Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu sehem f'din it-tielet edizzjoni fid-29 t'Awwissu fi Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann. *Giochi senza Frontieri*

4.9 Emejl minn għand il-Kumitat Zgħażagħ Brijużi Xewkin fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw ikla fi Ġnien Blankas. Il-membri qablu. *Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin*

4.10 Emejl minn għand il-Green MT sabiex l-Kunsill joħroġ espressjoni ta' nteress għal ġbir ta' skart riċiklabbli peress li ser jeskadi l-kuntratt. Il-membri qablu. *Skart Riċiklabbli*

4.11 Ittra minngħand il-President tal-Kumitat tal-Festa San Gwann il-Battista fejn talab donazzjoni mill-Kunsill. Il-membri qablu li ma tista' tingħata ebda donazzjoni għax il-Kunsill ikun qed jikser il-liġi. *Kumitat Festa San Gwann Battista*

## 5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015

5.1 Ġew approvati l-*Financial Statements 2015* mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u l-A. Seg. Eżekuttiv. *Financial Statement*

## 6. Offerti u Kwotazzjonijiet

6.1 Is-Sindku nforma lil membri li infetħu l-offerti għal *Construction of Pavements* li l-Perit Stellini għandu jissottometti lil Kunsill rapport dwarha u l-offerta għal *Street u Road Cleaning Services.* *Offerti*

6.2 Is-Sindku nforma wkoll lil membri illi infetħu l-kwotazzjonijiet għal *Correction of Asphalt Level at Triq Dun Grezz Farrugia, Triq Santa Marija* u *Triq Gokk.* Il-Perit Stellini ukoll għandu jissottometti rapport f'dan ir-rigward. *Kwotazzjonijiet*

6.3 Infetħet ukoll il-kwotazzjoni għal Kiri jew Xiri ta' *pick up van* għal Kunsill. Il-membri qablu li għandu jinkera minngħand Philip Pisani bi prova.

## 7. Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti

7.1 Il-membri qablu li fuq il-bord ta' evalwazzjoni fuq l-offerta ta' *Street and Road Cleaning Services* jitpoġġew William Sultana, s-Sindku u l-Viċi Sindku. *Bord ta' Evalwazzjoni*

## 8. Ħarġa għal Malta

8.1 Il-Kunsill talab għal kwotazzjonijiet minn għand tlett operaturi għas-servizz ta' transport għal ħarġa li ser tiġi organizzata f'Malta nhar it-2 ta' Mejju 2016, iżda Lourdes Garage biss isottometta l-kwotazzjoni tiegħu. Il-membri qablu li is-servizz jitqabbad minngħand Lourdes Garage. *Transport – Ħarġa f'Malta*

## 9. Ġemellaġġ

9.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi d-dati tal-ġemellaġġ ser ikunu skond il-programm u l-Kunsill ser jipprova jibbukja l-akkomodazzjoni tal-grupp l-ITS il-Qala kif ukoll id-Downtown Hotel. Qal ukoll li s-Sur Ray Bondin ser jieħu ħsieb il-grupp meta jkunu Malta. Is-Sna. Attard qalet li f'Għawdex jista' jieħu ħsieb is-Sur Laurence Sciberras. *Ġemellaġġ*

## 10. Festa San Gwann Battista

10.1 Is-Sindku nforma lil membri sabiex bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jgħin fit- *Festa San Gwann Battista*

tindif u manteniment fil-ġranet tal-Festa.

## 11. Materji oħra

11.1 Sabiex jitwaħħlu tlett *dustbins* fil-*playing field* tal-Ħamrija u żewġ tabelli tal-klieb. Is-Sindku propona li l-Kunsill jikkomunika mal-GreenPak sabiex jisponsorjaw dawn il-bins. *Playing Field tal-Hamrija*

11.2 Talba minngħand Maurice Pace sabiex isir *1 metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx quddiem 'Tan-nanna', Triq San Duminku, Xewkija. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta. *Double yellow line*

11.3 Ilment minngħand Angelo Zerafa fejn ilmenta li għamel ħsara fil-karozza waqt li kien għaddej minn Triq it-Taflija u talab kompensazzjoni. Il-membri qablu li għandha tintbgħat emejl lis-Sur Zerafa fejn jiġi infurmat fejn irid jagħmel l-ilment u jiġi infurmat illi dik it-triq ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill. *Kompensazzjoni*

11.4 Ilment minngħand is-Sna. Monique Gatt ta' Triq Sant' Indrija biex titneħħa l-bozza tat-triq li hemm fl-arblu fil-bitħa u titwaħħal il-barra mill-ħajt tal-bitħa tagħha. Il-membri qablu li dan l-ilment għandu jersaq quddiem ir-Reġjun t'Għawdex. *Tnehhija ta' Bozza*

11.5 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri sabiex isir *gutter* fi sqaq fi Triq Tingi peress li l-livell ġie għoli u qed iżomm l-ilma. Il-membri qablu. *Gutter fi sqaq Triq Tingi*

## 12. Approvazzjoni ta' Pagamenti

12.1 Iċ-ċedola ta' pagamenti ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

## 13. Aġġornament

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

***Paul Azzopardi***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Odette Camilleri***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***27 ta' Mejju 2016***